MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Appell Kriminali Numru. 109/2011

**Appell Nru. 109/2011**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Trevor Micallef)**
**Vs**
**Omissis**
**Benjamino Camilleri**

**Illum 31 t'Ottubru, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-13 ta' Mejju, 2010 ghall-habta tal-11.00 p.m. gewwa U Bistro Bar (within Meridien Hotel), Triq il-Kbira, San Giljan bil-lejl
1. kisru l-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor;

2. daqqew jew ippermettu li tindaqq muzika fl-imsemmi hanut wara 11.00 p.m. minghajr licenzja ta' l-Awtorita` Kompetenti;
3. ghamel xi haga u cioe` hu daqq jew ippermetta li tindaqq muzika fl-imsemmi hanut, minghajr licenzja ta' l-Awtorita` Kompetenti, meta din il-licenzja hija mehtiega minn ligi jew minn regolamenti maghmulin mill-Awtorita` Kompetenti bis-sahha ta' dik il-ligi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 ta' Frar, 2011, li biha, wara li rat l-artikolu 338(gg)(ee) u 17 (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant Benjamino Camilleri hati u kkundannatu ghal ammenda ta' tmienju u hamsin Ewro (€58.00) ta' kull wahda miz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-4 ta' Marzu, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tilqa` dan l-appell thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara s-sentenza appellata bhala nulla u tiddisponi minn dan l-appell skond din id-dikjarazzjoni. Alternattivament u minghajr pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti u tilliberah skond il-ligi. Alternattivament u minghajr pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha tirriforma fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-
1. Illi fl-ewwel lok l-esponent jirrileva illi l-ahhar paragrafu tas-sentenza appellata jippostula diffikulta` procedurali. F'tali paragrafu ssir referenza ghal "kull wahda miz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontra" l-esponent, izda meta wiehed ihares lejn il-komparixxi, kif ukoll lejn l-imputazzjonijiet kif riprodotti fl-istess sentenza,

jsib li effettivament u originarjament l-esponent kien ingieb biex jirrispondi ghal tlett imputazzjonijiet. Illi dan bhala fatt, igib mieghu n-nullita` tas-sentenza appellata;
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess jigi osservat li l-korp tal-provi ma hux tali li a bazi tieghu setghet tinstab il-htija. Fattwalment, il-kaz imressaq mill-prosekuzzjoni ma setghax jigi attribwit lill-esponent. Mhux bizzejjed li jinghad li huwa jrid jirrisondi ghal dawn l-imputazzjonijet ghaliex il-gestjoni hija registrata f'ismu. Irid jigi ppruvat li huwa ma hax dawk il-prekawzjonijiet mehtiega biex effettivament l-operat kien ta' inkonvenjent. Dan ma hux il-kaz. Ghal kuntrarju, stante li l-operat huwa wiehed immexxi minn organizzazzjoni idonea, l-esponent ma jistax jirrispondi ghall-imputazzjonijiet migjuba u kwindi minnhom ghandu jigi lliberat skond il-ligi;
3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess jigi sottomess li mkien ma ngibet il-prova tal-hsejjes bil-muzika li kkawzat inkonvenjent ghall-mistrieh tan-nies. Fil-kaz odjern jirrizultaw mhux biss provi kontradittorji, izda jirrizulta nuqqas ta' ness bejn l-allegat hsejjes (li allegatament kienu gejjin minn daqq ta' kitarra) u l-esponent. Ukoll, id-dokumentazzjoni esebita hija wahda li ma twassalx fid-direzzjoni li presumibbilment ghandhom jiehduk l-allegazzjonijiet tal-prosekuzzjoni. Dan ifisser li ma tezistix il-bazi fattwali tal-imputazzjonijiet migjuba u kwindi wkoll f'dan il-kuntest l-esponent ghandu jigi dikjarat mhux hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti.
4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, kif ser jigi elaborat fit-trattazzjoni ta' dan l-umli appell, ic-cirkostanzi huma tali li ghandhom jattiraw revizjoni fis-sanzjoni inflitta.

Ikkunsidrat.

Irrizulta fil-provi illi l-appellant huwa l-persuna li f'ismu hemm diversi permessi u licenzji in konnessjoni mal-gestjoni tal-lukanda La Meridian f'San Giljan liema lukanda tinkorpora wkoll l-imsemmi "U Bistro Bar". L-appellant gie addebitat illi fit-13 ta' Mejju, 2010 ghall-habta ta; 11:00 ta' filghaxija fl-istess Bistro, huwa kiser il-mistrih tan-nies bi hsejjes jew b'mod iehor, illi daqq jew ippermetta li tindaqq muzika wara l-11:00 minghar licenzja ta' l-Awtorita kompetenti u li ghamel xi haga, cioe' daqq u

ppermetta li tindaqq muzika mill-imsemmi hanut minghar licenzja ta' l-Awtorita kompetenti jew ta' regolament maghmulin mill-Awtorita kompetenti bis-sahha ta' dik il-Ligi.

B'Sentenza moghtija fl-24 ta' Frar, 2011 il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant Benjamin Camilleri hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal emmenda ta' €58 ghal kull wahda miz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu. L-appellant hassu aggravat minn din is-Sentanza u minnha nterpona appell. Fl-ewwel aggravu tieghu qieghed jecepixxi n-nullita ta' din is-Sentenza peress li l-Ewwel Qorti kkundannatu ghaz-zewg imputazzjonijiet meta fil-fatt kien hemm tlieta addebitati lilu u quindi ma jafx ghall-liema akkuzi gie kkundannat u ghall-liema gie lliberat jekk fil-fatt gie lliberat.

Ikkunsidrat.

Minn ezami akkurat tal-parti konklussiva tas-Sentenza appellata, ssib illi verament l-Ewwel Qorti ddikjerat illi qieghda ssib lill-appellant hati mighajr ma tispecifika ghall-liema mputazzjonijiet qieghda tiddikjara dan, pero' mbaghad meta giet biex tinfliggi l-multa, ddikjarat illi dana qed taghmlu ghal kull wahda miz-zewg imputazzjonijiet. Fil-fatt irrizulta tliet imputazzjonijiet u ergo, fejn f'nifs il-Qorti qieghda tiddikjara lill-appellant hati prezubilment ghat-tliet imputazzjonijiet qieghda tikkundannah biss ghal tnejn. L-artiklu 382 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li meta l-Qorti taghti s-Sentenza, *"Ghandha tghid il-fatt illi taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-Artikli ta' dan il-Kodici jew ta' kull Ligi ohra li jkun ikkontempla dan ir-reat."* Ovjament la l-Qorti hija marbuta illi taghti l-fatti illi taghhom l-appellant ikun gie misjub hati dana jfisser illi ghandu jkun hemm id-dikjerazzjoni ta' htija ghax altrimenti huwa nutli illi ssemmi l-fatti, jsegwi f'kaz ta' mputazzjoni multipla illi l-Qorti jew taghti piena wahda komplessivament jew inkella ssemmi wahda wahda l-imputazzjonijiet u taghti l-piena skont il-kaz. Hawnhekk ghandna sitwazzjoni konfuzjonarja fejn f'nifs il-Qorti qed tiddikjara lill-appellant hati u fl-iehor qieghda tikkundannah

ghal zewg imputazzjonijiet minghajr ma tiddikjara x'qieghda taghmel bit-tielet imputazzjoni. Bir-ragun, l-appellant ma jistax jitqieghed fis-sitwazzjoni ta' ncertezza minghar ma jkun jaf ta' xiex qed jinstab hati u ta' xiex qed jigi kkundannat l-emmenda. F'pozizzjoni bhal din twassa ghan-nuqqas ta' formalita sostanzjali u l-ewwel Sentenza hija suggetta ghal censura ghan-nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' xiex l-akkuzat qed jinstab hati (ara Il-Pulizija vs Joseph Agius appell kriminali 15 ta'Marzu, 2012). Ghalhekk peress illi s-Sentenza appellata hija karenti minn dan l-element l-ewwel aggravju ta' l-appellant jimmerita konferma.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tiddeciedi billi tilqa l-ewwel aggravju, tiddikjara s-Sentenza appellata nulla u bla effett u peress illi din il-Qorti semghet il-provi bix-xhieda mill-gdid tghaddi biex tikkunsidra l-meritu.

Ikkunsidrat.

L-avukat Ian Micallef xehed illi fit-13 ta' Mejju, 2010 kien cempillu l-klient tieghu Marin Hili fejn qallu li kienet qed tindaqq live music fuq il-bankina quddiem il-Bistro, l-avukat Micallef mar fuq il-post u ra lil wiehed idoqq il-kitarra. Ghall-habta tal-11:00 ta' filghaxija mar l-ghassa tal-pulizija San Giljan u rraporta l-kaz, fil-11:30 mar lura l-pjazza mas-sur Marin Hili u ra illi kien hemm nies ohra mal-kitarrista li dahhlu l-isturmenti taghhom f'kamra hdejn il-Bistro. F'11:45 pm gew il-pulizija u l-avukat Micallef kellimhom u wrihom fejn kien u qeghdin idoqqu l-muzicisti u dak tal-kitarra dahhal il-kitarra go Taxi. L-avukat Micallef irrileva illi l-permess tal-lukanda u tal-Bistro kien jippreskrivi muzika biss sal-11:00 ta' filghaxija. Fil-kontro ezami l-avukat Micallef tenna illi hu ra lill-muzicisti jdoqqu fuq il-bankina wara l-11:00 ta' filghaxija ghad illi huwa ma dahalx fil-hanut u baqa' fil-pjazza. Dr. Michael Camilleri in rapprezentanza ta' l-MTA xehed illi l-lukanda Meridian u l-Bistro ghandhom licenzja sabiex idoqqu muzika sal-11:00, il-licenzja qieghda f'isem l-appellant Benjamin Camilleri, spjega illi l-bar ghandu licenzja separata u permess illi jindaqq muzika gol-bar sas-1:00 ta' filghodu. Il-parti leza Marin Hili, xehed illi huwa residenit fil-fond numru 44 Main

Street, San Giljan illi jigi kwazi bieb ma bieb ma dan il-Bistro. Fit-13 ta' Mejju, 2010 sema' muzika gholja gejja minn "The Villa" jew il-Bistro ghal habta tad-9:00 ta' filghaxija u cempel lill-avukat tieghu li gie mieghu l-ghassa biex jaghmlu rapport, cert illi kien hemm muzika amplifikata qed tindaqq fuq il-bankina.

L-appellant Benjamin Camilleri qal illi dakinhar ma kienx fuq il-post u lanqas ma kellmuh xi hadd mill-pulizija rigward dan il-kaz, semma illi sar kuntratt ta' twellija ma certa Jan Vella fit-30 ta' Novembru, 2010 li fih insista li jigu nseriti klawsoli fejn jorbot lil min qed jiehu l-fond sabiex josserva r-regolament u l-ligijiet kollha tal-pajjiz. Ikkonferma illi huwa licensee tal-lukanda u huwa Direttur tal-kumpanija illi jiggestiha. David Darmanin illi originalment kien kien ko-akkuzat qal li kien imexxi l-Bistro u lill-akkuzat ma kienx jaf min hu u lanqas qatt ma rah, kien Jan Vella illi ordna l-muzika.

Ikkunsidrat.

Id-difiza nsistiet illi bhala licensee tal-lukanda l-appellant ghamel l-almu kollha tieghu biex jassigura illi r-regolamenti jigu osservati. Saret referenza ghal kuntratt esebit a fol 19 minn fejn jidhru diversi klawsoli illi jorbtu lil min ikun qieghed jiehu l-fond illi jara illi r-regolamenti kollha jigu osservati. Irrizulta mill-Atti illi l-Manager dak iz-zmien kien Jan Vella u dana jeskolpa lill-appellant. Terga Marin Hili l-parti leza qal illi l-muzika semaghha bejn it-8:30 u d-9:00 ta' filghaxija u mhux wara l-11:00.

Ikkunsidrat.

Ghal dak illi jirrigwrdja l-hin mix-xhieda ta' l-avukat Ian Micallef, il-Qorti hija sodisfatta illi fil-fatt kienet hierga mizika mill-bar Bistro wara l-11:00 ta' filghaxija, billi kien hemm xi kitarristi jdoqqu l-muzika fuq il-bankina barra l-bar. Gie allegat illi l-Manager dak iz-zmien kien Jan Vella. Il-Qorti pero' ma jidhirx illi dana gie pruvat. Mid-dokument esebit a fol 19 jidher illi Jan Vella assuma r-responsabilta tal-bar fit-30 ta' Novembru, 2010 ben sitt xhur wara l-ilment ta' Marin Hili illi sar fit-13 ta' Mejju, 2010! Dak

inhar quindi kellu jkun responsabli l-appellant bhala l-licensee tal-fond u kellu juri illi huwa ghamel hiltu kollha sabiex tigi osservata  l-Ligi u meta jkun hemm xi ksur illi, la kien jaf bih, lanqas ma kien f'pozizzjoni illi jaghmel xi haga biex jevita dak il-ksur.   Barra minn hekk,  skont l-“Interpretation Act”  meta l-prosekuzzjoni ma tkunx tista tindividwa  persuna illi seta' jkun responsabbli ghal xi nuqqas,  f'dan il-kaz tista ddur fuq d-Diretturi illi ghandhom fuq spallejhom l-onoru tal-prova illi huma ma kienux jafu fl-allegat ksur tar-regoamenti jew inkella jkunu ghamlu minn kollox biex dawn ir-regoalmenti ma jigux miksura.  F'dan il-kaz l-appellant ma ghamel xejn minn dan u quindi l-prezunzjoni tibqa fuq spallejh u bhala licensee u Direttur tal-kumpanija illi tiggestixxi l-lukanda u l-bar ghandu jwiegeb ghal dawn l-imputazzjonijiet.

Ghalhekk wara li rat l-Artikoli 338 (gg) (ee) (m) tal-Kap 9 issib lill-appellant Benjamin Camilleri hati tat-tliet imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghall-ammenda ta' €58 ghal kull wahda minn dawn it-tliet imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------